MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Numru. 86/2009

**Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca u**
**Spettur Keith Arnaud)**

**Vs**

**Ismael Habesh sive Asmael Omer Habish, 40 sena, iben Omar u Burnija nee' Xduri, imwieled Libja fl-1 ta' Jannar 1971, u li joqghod Flat 3, Joanne Court, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 15771A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ismael Habesh sive Asmael Omer Habish akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe:

1. talli fl-1 ta; Frar, 2009, ghall-habta tas-2.15a.m. fi Triq is-Swieqi, Swieqi ikkommetta serq ta' basket li kin ifh xi flus, mobile phone tal-marka Nokia 1110, faccata ta' stereo tal-marka Marquant u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (E2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Marica Cassar u/jew ta' persuni ohra;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' basket li kien fih xi flus, mobile phone tal-marka Nokia N82, u xi oggetti ohra liema serq hu kkwalifika bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-eflejn tlett mija u dsa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centenzmu (E2329.37), li sar ghad-detriment ta' Maria Pisani u/jew persuni ohra;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' kartiera li kien fiha xi flus u dokumenti ohra, kif ukoll mobile phone tal-marka Sony Ericsson K7701, liema serq hu kkwalifika bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-eflejn tlett mija u dsa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centenzmu (E2329.37), li sar ghad-detriment ta' Patrick Cooke u/jew persuni ohra;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Marica Cassar, Maria Pisani, Caroline Fenech u Patrick Cooke kontra l-volonta` taghhom;

5 ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Marica Casar u Maria Pisani w ikkagunalhom griehi hfief ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9;

6. talli fl- ta' Frar, 2009, ghall-habta tat-3a.m., fi Triq il-Boxxla u bnadi ohra gewwa Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' zewtgt mobile phones, flus, u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u

disa’ w ghoxrin Euro u seba’ w tletin centezmu (E2329.37), u li sar ghad-detriment ta’ Warren Zahra u Sarah Bonnici u/jew persuni ohra;

7. u aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi gewwa l-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Warren Zahra u Sarah Bonnici kontra l-volonta` taghhom;

8. aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

9. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza gieghel lil Warren Zahra sabiex jigbed flus minn ATM ai termini ta’ l-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. ukoll , talli fl-1 ta’ Frar, 2009, f’dawn il-gzejjer, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontrol tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

11. talli fid-29 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tal-5.15pm, fi Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun ikkommetta serq ta’ vettura Toyota Land Cruiser, numru tar-registrazzjoni MAL002, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghorin Euro u seba’ w tletin centezmu (E2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detrimnet ta’ Loretu Abela u/jew ta’ persuni ohra.;

12. u aktar talli fit-12 ta’ Frar, 2009, ghall-habta ta’ 6.00pm., u/jew fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il=Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghall-xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi bghabas it-tarek tar-

registrazzjoni MAL002, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta'

13. aktar, talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set tarek ta' registrazzjoni ta' vettura ffalsifikati, u dan ai terminu tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 15, 91 tal-Ordinanza dwar ir-regolamenti tat-traffiku, Kap 65 tal-Ligijiet.;

14. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura numru MAL002 liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u sitta w erbghin Euro u disa' u sittin centezmu (E1164.69), imma izjed minn mija u sittax il-Euro u seba w erbghin centezmu ai termini ta' l-Artiklu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Loretu Abela u/jew persuni ohra;

15. talli fit-2 ta' Frar, 2009, ghall-habta tas-6pm, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, saq vettura Toyota Land Cruiser, numru tar-registrazzjoni, MAL002, minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u minghajr ma kien kopert b'licenza tas-sewqan relattiva;

16. talli fit-2 ta' Frar, 2009, ghall-habta tas-2pm, fl-ghassa tal-Mosta iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien ser;

17. talli fid-29 ta' Jannar, 2009,ghall-habta tat-8.45pm fi Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' basket li kien fih mobile phone tal-marka Nokia u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (E2329.37) u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Carol Ann Lewis u/jew ta' persuni ohra;

18. talli fit-2 ta' Gunju, 2004, ghall-habta ta' 7pm , gewwa l-konfini ta' l-Universita ta' Malta, limit ta' l-Imsida

ikkommetta serq ta' stereo u/jew xi oggetti ohra, minn vettura Opel Vectra, numru ta' registrazzjoni AAP975, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u seba' w tletin centezmu (E2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Edward Zammit u/jew ta' persuni ohra;

19. aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

20. ukoll, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr fuqu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;

21. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura numru MAL002 liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u sitta w erbghin Euro u disa' u sittin centezmu (E1164.69), imma izjed minn mija u sittax il-Euro u seba w erbghin centezmu ai termini ta' l-Artiklu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Edward Zammit u/jew persuni ohra;

22. talli fit-2 ta' Frar, 2009, ghall-habta tas-7pm, fi Pjazza is-16 ta' Settembru, Mosta attakka w ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PC327, Sean Pace, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

23. aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-PC327 Sean Pace, u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Chloe Bugeja, M.D. mill-Isptar Mater Dei;

24. Fl-ahharnett, Ismael Habesh gie akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-4 ta' Ottubru 2010.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien xieraq biex jirrikonsidra l-istess.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat f'dina l-kawza jinsab akkuzat b'mhux inqas minn 24 akkuza kif rifless fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-4 ta' Ottubru 2010. Fost ir-reat addebitati lilu, hemm ir-reat tas-serq aggravat, sekwestru tal-persuni, pussess illegali ta' armi, attakk u resistenza kontra ufficjali tal-pulizija, offiza volontarja hafifa, rapport falz u anke tbaghbis fin-numri ta registrazzjoni ta' vettura. Oltre dana kollu l-imputat jinsab akkuzat ukoll li huwa recidiv. Dana jista jigi ikkonstatat fácilment b'harsa hafifa lejn il-fedina penali piuttost voluminuz u ikkulurita tieghu.[1]

Illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2011 u cioe' sentejn wara li inbdew dawn il-proceduri kriminali fil-konfront ta'l-imputat u ghalhekk fi stadju inoltrat tal-kawza, l-imputat ghogbu jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih. Dana sehh wara li l-prosekuzzjoni kienet ghalqet l-provi taghha, u l-Avukat Generali kien baghat l-atti quddiem dina l-Qorti sabiex hija tasal ghal gudizzju taghha abbazi ta' l-artikoli tal-ligi indikati minnu fin-nota tar-rinviju tieghu

[1] Ara fedina penali a fols.13 sa 25

ghal gudizzju ta’ l-4 ta’ Ottubru 2010. Illi ghalhekk qabel ma l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu, l-Qorti kellha l-opportunita’ li tevalwa l-provi kollha, tezamina d-dokumenti esebiti, tistudja ir-rapporti peritali u tisma x-xhieda jixhdu viva voce quddiemha, b’mod ewlieni l-vittmi tar-reati addebitati lill-imputat. Dana qed jinghad ghaliex il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jindikaw b’mod inekwivoku illi l-imputat kien involuta fil-kummissjoni tar-reati addebitati lilu u ghalhekk l-ammissjoni tieghu hija konferma biss ta’ dak kollu li jindikaw il-provi fl-atti processwali.

Illi minn dana kollu jemergi illi fil-lejl ta’ bejn l-31 ta’ Jannar 2009 u l-1 ta’ Frar 2009, l-imputat flimkien ma’ terz jew terzi injoti kien involut f’serje ta’ hold-ups fejn huwa seraq diversi oggetti konsistenti fi flus, handbags, mobile phones u vettura fost affarijiet ohra. Dawn is-serqiet kienu akkompanjati bi vjolenza, fejn f’wahda mill-hold ups li sehhet il-Qawra is-serq kien sahansitra akkumpanjat bis-sekwestru tal-persuni. Il-vittmi ta’l-aggressjoni ta’l-imputat kienu ivarjaw minn zaghzagh sa nies anjzani li kienu qeghdin Malta ghal btala. Dawn in-nies kollha jindikaw illi l-agressur taghhom harab fuq vettura *four wheel drive*, kulur car bin-numru ta’ registrazzjoni MAC002 li wara irrizulta li kien gie imbaghbas mill-imputat  fejn l-ittra L tan-number plate gie mibdul permezz ta’ tape iswed bl-ittra C. L-imputat imbaghad gie intercettat mill-pulizija hdejn dina il-vettura gewwa il-Mosta fejn minn hemm gie arrestat. Barra minn hekk hemm provi cirkostanzjali ohra li kollha jindikaw illi l-imputat kien involut fil-kummissjoni tar-reati addebitati lilu fosthoml-esercizzju tal-voice recognition fejn tnejn mill-vittmi identifikaw il-vuci ta’l-imputat bhala dik ta’l-agressur taghhom, il-mobile phone tal-ghamla Nokia 3310 li l-imputat kien irraporta li kien gie misruq hekk kif induna illi dana kien remieh f’ghalqa wara li ikkometta l-hold-ups flimkien ma’ oggetti ohra fosthom il-balaklava, l-wallets vojta, u l-umbrella ta’ wahda mill-vittmi. Illi wiehed mill-vittmi Warren Zahra ikkonferma illi huwa kien ra dana il-mobile f’idejn l-aggressur tieghu meta sehh il-hold up. Oltre dana hemm ukoll ir-rapport ta’l-espert serologista Dr. Paul Sultana li sab profil genetiku li qabel ma’ dak ta’l-imputat fuq uhud mill-oggetti uzati ghal kummissjoni ta’

dawn id-delitti.[2] Illi fir-rigward tas-serqa li sehhet fl-2004, l-vittma ta' dana ir-reat li huwa kuntistabbli tal-pulizija gie wicc'imb wicc ma'l-imputat meta baqa' isegwieh wara li rah vicin il-vettura tieghu u gharrfu fil-Qorti bhala l-istess persuna li kien involut fis-serqa li sehhet mill-vettura tieghu. Illi l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddilunga aktar ghar-rigward ta' ezami tal-provi prodotti u dana peress illi l-imputat ammetta l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati addebitati lilu. Ghaldaqstant l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi fid-dawl ta'l-artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq ma tistax tinjora il-fedina penali ta'l-imputat li diga inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma hajjtu izda xortawahda baqa' fit-triq tad-delinkwenza. Illi fil-fatt mis-*social enquiry report* imhejji mill-Probation Officer Joanna Farrugia hemm in succinct l-istorja twila tal-hajja ta'l-imputat ikkaratterizzata fl-ahhar ghoxrin sena taghha mill-abbuz tad-droga u alkohol liema vizzji wassluh sabiex jaqbad it-triq tad-delinkwenza. Il-fatt illi l-imputat ghandu familja x'jiehu hsieb ma wasslitux biex irabbi l-ghaqla u jerfa ir-responsabbiltajiet tieghu bhala missier, izda injora dana kollu tant illi martu spiccat kellha terfa' dina r-responsabbilta' minfloku. Illi finalment il-Qorti tistqarr illi ma tistax tinsa l-hsara emmozjonali, apparti d-danni finanzjarji, li garrbu il-vittmi tar-reati kommessi mill-imputat. Illi kull vittma ta' reat ighaddi minn trawma psikologika, uhud biz-zmien igharrfu jeghlbu dina t-trawma, izda ghal ohrajn esperjenza kiefra bhal dina tibqa marka ghal hajjithom kollha. Il-Qorti osservat dana meta semghet dawn il-vittmi jixhdu *viva voce* fosthom b'mod ewlieni lil Sarah Bonnici, Warren Zahra u Marica Cassar li kienu l-iktar vittmi li gew milquta mill-agir kriminali ta'l-imputat. Dan fil-fatt gie irrimarkat ukoll mill-Probation Officer Joanna Farrugia li kellha l-opportunita' tkellem lil dawn in-nies sabiex thejji is-*social enquiry report* taghha. Il-Qorti tistqarr illi meta tigi biex tasal ghal gudizzju taghha spiss tkun rinfaccjata b'diffikulta sabiex issib il-bilanc bejn

[2] Ara rapport ta' Dr. Paul Sultana Dok PS a fol.315

il-protezzjoni li ghandha tinghata lis-socjeta u il-vittmi ta' reati u r-riforma li ghandha tinghata lil-persuna akkuzata quddiemha li x'aktarx fl-maggior parti tal-kazijiet ikollha bzonn l-ghajnuna sabiex teghleb il-problemi serji li ikollha f'hajjitha, liema problemi iwassluha sabiex tikkometti diversi reati. Illi ma hemmx dubbju illi f'dana il-kaz l-imputat ghandu diversi problemi fil-hajja tieghu fosthom il-vizzju tad-droga u ta'l-akohol. Madanakollu ma jidhirx illi huwa qed jaghmel wisq sabiex ighin lilu innifsu ghalkemm kellu diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dana. Minflok huwa ghazel li ikompli ghaddej fit-triq tad-delinkwenza b'mod illi is-socjeta spiccat vittma ta' dan ghal diversi drabi. Illi ghaldaqstant l-Qorti tistqarr li ma tistax tkun wisq klementi mieghu u ghalhekk ma tistax tikkondividi dak mistqarr mid-difiza illi l-piena ghandha tkun iktar lejn il-minimum peress illi l-Qorti ghandha responsabbilta akbar lejn is-socjeta li tharisha minn dana it-tip ta' delinkwenza ripetuta. Il-Qorti madanakollu tittama illi l-imputat igharaf juza iz-zmien ta' detenzjoni li ser tigi inflitta fuqu sabiex jirriforma hajjtu. Peress illi uhud mir-reati kommessi servew bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat ta' serq, il-Qorti ghalhekk ser tapplika dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre billi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju ma jindikax id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta dwar is-sewqan tal-vettura minghajr polza ta' assikurazzjoni[3] kif ukoll ma jindikax id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 187 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b) (2), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 271(g), 274(c), 275, 277(b), 279(a)(b), 280(1)(2), 86, 87(1)(c)(e), 214, 215, 221 u 222(1)(c), 251(2), 251B, 325(1)(b), 110(2), 96 u 97, 17(b)(h), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a), 4, 5(1), 6, 8, 41, 51(1)(2)(9), 55(a)(b) u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta'

---

[3] Illi fin-nota ta' rinviju fir-rekwizit ittra (m), x'aktarx li l-Avukat Generali indika erronjament l-artikoli 3(1)(2)(a), (2A), 2(B) tal-Kapitolu 9 minflok tal-Kapitolu 104, izda peress illi dana l-izball qatt ma gie sanat fuq talba tal-prosekuzzjoni, kwindi l-Qorti ma tistax hlief timxi ma' dak indikat fl-istess nota ta' rinviju

Malta, l-artikoli 15(1)(a)(3) u 27 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 34(3), 35 u 51(4)(6)(7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.28 filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tnax(12) u it-tlettax-il(13) akkuza, kif ukoll mill-akkuza numru hmistax (15) u dana biss fejn l-imputat gie akkuzat li saq vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni, u dana peress illi l-istess ma gewx indikati fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju, issib lill-imputat hati tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erba (4) snin prigunerija.

Finalment l-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ihallas s-somma ta' tlett elef sitt mija u tmintax il-euro u tmienja u tletin centezmu (€3618.38)bhala spejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti u fin-nuqqas l-istess ghandu jigi ikkonvertit f'piena karcererja skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------